# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 9**

**Rikors Ġuramentat Numru 615/2021 NC**

**William Hill plc**
**u**
**Mr. Green Limited**

**vs.**

**Jacqui Gatt**

Illum 15 ta' Diċembru 2021

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tal-konvenuta Jacqui Gatt (*a fol.* 24 *et seq.*) ippreżentat fil-21 ta' Ottubru 2021 fejn talbet is-segwenti:

"Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tippreżenta n-

Nota ta' Eċċezzjonijiet tagħha f'terminu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi għal dan l-iskop."

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ. .

Rat id-Digriet tagħha (*a fol.* 23) hekk kif kontenut fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 23) fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-kontro-parti bi żmien ħmistax (15) il-jum għar-Risposta.

Rat ir-Risposta tas-soċjetajiet attriċi William Hill plc u Mr. Green Limited (*a fol.* 33) ippreżentata fid-29 ta' Ottubru 2021.

Semgħet, fis-seduta tat-24 ta' Novembru 2021, is-sottomissjonijiet finali dwar ir-Rikors hawn fuq imsemmi.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward ta' dak mitlub fir-Rikors promutur, il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel issir riferenza għas-segwenti:

- fl-24 ta' Ġunju 2021 is-soċjetajiet attriċi ntavolaw il-kawża odjerna permezz ta' Rikors Ġuramentat (*a fol.* 1 *et seq.*) kontra l-konvenuta Jacqui Gatt;

- minn riferta (*a fol.* 21 *tergo*) jirriżulta li fl-14 ta' Lulju 2021 il-konvenuta Jacqui Gatt ġiet notifikata, fost l-oħrajn, bir-Rikors Ġuramentat  hawn fuq imsemmi;

- il-konvenuta Jacqui Gatt baqgħet ma ppreżentatx ir-Risposta Ġuramentata tagħha għar-Rikors Ġuramentat li ġiet notifikata bih;

- fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 (*a fol.* 22), il-Qorti ddikjarat li l-konvenuta Jacqui Gatt kienet tinsab fi stat ta' kontumaċja.

**Ikkunsidrat**

Illi l-vertenza li hija mitluba tiddeċiedi fuqha l-Qorti permezz ta' dan il-provvediment tirrigwarda t-talba mressqa fir-Rikors tal-21 ta' Ottubru 2021 hawn fuq imsemmi.

Illi fir-Rikors tagħha (*a fol.* 24 *et seq.*) il-konvenuta Gatt tipprova tiġġustifika l-kontumaċja tagħha billi tgħid li:

- kienet għaddejja minn mumenti diffiċli fil-ħajja tagħha u li kienet qegħda f'Għawdex sabiex tikkura l-ansjeta' u *panic attacks*;

- rċieva n-notifika għaliha r-raġel tagħha u minħabba li ma kinitx f'sikitha psikoloġikament hija naqset milli tippreżenta Nota ta' Eċċezzjonijiet u in sostenn ta' dan ippreżentat ċertifikat maħruġ mill-Psikologa Antonella Mizzi.

Illi, waqt is-smiegħ tas-sottomissjonijiet finali dwar ir-Rikors *de quo*, il-konsulent legali tal-konvenuta Gatt għamel tiegħu l-argumenti mressqa fir-Rikors Ġuramentat bin-Numru 612/2021 fl-ismijiet **Mariella Grech vs. Perit Martin Xuereb et** partikolarment l-argumenti dwar il-kontumaċja formali u l-kontumaċja sostanzjali.[1]

Illi, fir-Risposta tagħhom (*a fol.* 33 *et seq.*), is-soċjetajiet attriċi wieġbu li:

- teżisti riferta ċara li turi li kienet saret in-notifika lill-konvenuta Gatt;

- iċ-Ċertifikat tal-Psikologa Antonella Mizzi ma juri xejn u li fil-fehma tagħhom mhijiex kawża ġusta iżda fil-fatt huwa nuqqas

[1] Riferenza għal dawn l-argumenti saru stante li qabel dakinhar tal-24 ta' Novembru 2021 il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet dwar ir-Rikors odjern, il-Qorti semgħet sottomissjonijiet oħra dwar kontumaċja fir-Rikors Ġuramentat bin-Numru 612/2021 NC.

gravi b'dana illi l-konvenuta Gatt kienet negliġenti għall-aħħar meta ma tatx każ l-atti li kienet irċeviet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li l-istitut tal-kontumaċja huwa istitut li għandu l-għan li jippenalizza dik il-parti li ma tagħtix każ is-sejħa tal-Qorti. Dan il-punt ġie estensivament imfisser mill-Qrati tagħna b'mod ripetut. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Noel Calleja et vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** mogħtija fit-28 ta' Jannar 2005 fejn ingħad is-segwenti.

> "6. L-istitut tal-kontumaċja li dwaru ġie interpost l-appell in eżami minn dejjem kien suġġett ta' kontroversja. Dan hu hekk minħabba l-fatt li l-effetti tiegħu – ta' natura punittiva – huma odjużi. L-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali (ara wkoll id-deċiżjoni in re: **Vella pro et nomine v. Vella**, Appell Kummerċjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II – 170).
>
> 7. Għal bidu, l-aspett punittiv konsistenti fl-esklużjoni tal-konvenut milli jippreżenta Nota ta' Eċċezzjonijiet kien jiġi adoperat <u>ad unguem</u> minn dawn il-Qrati iżda, tenut kont ta' ċirkostanzi varji li kienu jindikaw u jesiġu mitigazzjoni fir-regoli tal-proċedura, l-istess Qrati bdew, fil-każi fejn ikun hekk indikat u fl-aħjar sens ta' ġustizzja, "ixellfu" din ir-riġidita' u dan sewwa sew minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja kienet iġġib magħha. Fil-fatt jirriżulta – anke mid-diversi deċiżjonijiet ċitati miż-żewġ partijiet fil-

kawża – li l-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorożita' tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata.

8. Mal-milja taż-żmien anke l-leġislatur ħass il-bżonn li jintroduċi emendi għal dan l-istatut – hekk ara l-Att XXIV tal-1995 b'riferenza għall-Artikolu 158 tal-Kap. 12. Iż-żmien għall-preżentata ta' Nota ta' Eċċezzjonijiet ġie estiż għal għoxrin jum u fil-każ ta' kontumaċja ngħatat anke l-possibilita' ta' preżentata ta' Nota ta' Osservazzjonijiet – in omaġġ tal-prinċipju ribadit fil-ġurisprudenza kostanti tagħna li mqar jekk f'istat ta' kontumaċja, il-parti mħarrka kellha titqies bħala waħda li qegħda tirrimetti ruħha għall-ġustizzja tal-Qorti u b'ebda mod ma hi qed tammetti t-talba.

9. Sfortunatament ġara wkoll li maż-żmien il-flessibilita' li bdiet turi l-Qorti skond il-każ, dejjem fl-interess tal-ġustizzja, waslet għal ċerta nuqqas ta' uniformita' u f'ċerti każi anke waslet għal deċiżjonijiet inkongruwi għal xulxin. Każ fejn il-fattispeċie tiegħu kienu pjuttost jiffavorixxu l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ġieli ġie miċħud, filwaqt li każ ieħor fejn in-nuqqas kien jidher aktar evidenti u mhux skużabbli ġieli ġie aċċettat bħala wieħed skużabbli. Fil-fatt anke fil-każ in eżami, wieħed jista' jikkonstata li ċerti deċiżjonijiet u ċerti enunċjazzjonijiet mogħtija mill-Qrati ġew ċitati sija minn parti u sija minn oħra, u dan in proprja difesa, għas-sempliċi raġuni li l-punt ta' diverġenza ma jkunx proprjament konness mal-prinċipju involut imma ma' l-applikazzjoni jew ma' l-interpretazzjoni ta' l-istess prinċipju".

Iktar il-quddiem fl-istess sentenza l-Qorti kompliet tgħid:

"Deċiżjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti serviet bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istitut tal-kontumaċja u l-prinċipji li għandhom jirregolawha hija dik fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs. Carmelo Vassallo** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol. XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn fiha ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin:

(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;

(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;

(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;

(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;

(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;

(6) L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;

(7) Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, *"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili"*;

(8) L-impossiblita' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali".

Illi l-Qorti taqbel ma' dawn l-insenjamenti u tagħmilhom tagħha.

**Ikkunsidrat**

**<u>Problemi Mediċi</u>:**
Illi l-konvenuta Gatt tipprova tiġġustifika l-kontumaċja tagħha billi tgħid li kienet għaddejja minn fażi ferm diffiċli f'ħajjitha u tispjega li din immanifestat ruħha f'ansjeta' kbira, *palpitations* u *panic attacks*.

Illi l-Qorti tinnota li l-istitut tal-kontumaċja huwa istitut li għandu l-għan li jippenalizza dik il-parti li ma tagħtix każ is-sejħa tal-Qorti.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija riċentament, preċiżament fis-27 ta' Ottubru 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Michelangelo Attard vs. Joseph Bajada et** (Rikors Numru 32/2019/2). Il-fatti li jirrigwardaw il-kontumaċja f'din is-sentenza kienu <u>differenti</u> minn dawk tal-kawża odjerna u b'hekk dak li ngħad fiha mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) <u>mhuwiex</u> applikabbli għall-każ odjern. Il-Qorti msemmija qalet hekk:

> "19. Din il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-Ewwel Qorti. Wara li qieset iċ-ċertifikat u d-depożizzjoni tal-psikjatra, minn fejn jirriżulta li l-konvenut Joseph Bajada ilu għal diversi snin taħt kura psikjatrika, u li huwa persuna vulnerabbli bi problemi mentali tali li jirrenduh inkapaċi jagħraf it-tajjeb mill-ħażin, hija sodisfatta li l-istess konvenut għandu (u kellu fiż-żmien tar-rifjut tan-notifika tar-rikors ġuramentat) impediment leġittimu lil hinn mir-rieda tiegħu, u allura l-kontumaċja tiegħu għandha titqies bħala ġustifikata.
>
> 20. F'dan ir-rigward tagħmel riferenza għal sentenza riċenti li ngħatat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-12 ta' Ottubru 2020 fil-kawża fl-App. Ċiv. 32/19/2 16 ismijiet **<u>FC v. AC</u>** (216/2019) fejn ġie ritenut li l-kontumaċja kienet ġustifikata f'każ fejn il-persuna kienet tbati minn *depressive*

*disorder* tali li jirrendiha diffiċli għaliha, u f'każijiet impossibbli, li tieħu ħsieb l-affarijiet tagħha ta' kuljum.

*"Il-Qorti rat illi mix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Jean Pierre Giorgio jirrizulta li l-konvenut ibagħti minn depressive disorder u li b'konsegwenza ta' dan il-konvenut jesperjenza nuqqas ta' ħeġġa biex jieħu ħsieb lilu nnifsu u l-affarijiet ta' kuljum, nuqqas ta' motivazzjoni u konċentrazzjoni, kif ukoll ansjeta', u li huwa jieħu medikazzjoni sabiex jikkontrolla din il-kondizzjoni, kif ukoll medikazzjoni sabiex ikun jista' jorqod bil-lejl. Ikkonsidrat dan, il-Qorti tqis illi ma jistax jingħad li l-konvenut naqas milli jirrispondi entro t-terminu legali b'xi dispett jew disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Huwa minnu li l-Psikjatra kuranti tiegħu ma setgħax jgħid b'ċertezza x'kien l-istat mentali tal-konvenut fiż-żmien meta rċieva r-rikors ġuramentat tal-attriċi peress illi kien ilu ma jarah xahar, pero' fil-fehma tal-Qorti ikkonsidrat l-ispjegazzjoni ta' dan ix-xhud dwar kif il-kondizzjoni medika tal-konvenut taffetwah fil-ħajja ta' kuljum tiegħu, il-Qorti tqis illi l-konvenut għandu jingħata l-benefiċċju tad-dubbju. Dan ikkonsidrat illi f'dak li għandu x'jaqsam mal-preżentata ta' risposta ġuramentata qeghdin fil-kamp tad-dritt fondamentali ta' smiegħ xieraq, li m'għandux jiġi mittiefes mingħajr raġuni valida, speċjalment meta jiġi muri lil Qorti li l-konvenut ibagħti minn kondizzjoni medika li tagħmilha ferm diffiċli, jew mhux xi drabi impossibbli għalih, li jiġġestixxi l-affarijiet tiegħu ta' kuljum…..*

*….omissis….*

*Fid-dawl tal-kondizzjoni medika tal-konvenut, il-Qorti tikkonsidra li nuqqas tiegħu li jippreżenta r-risposta entro termine ma kienx kolpuż u kien dovut għal impediment leġittimu ikkawżat mir-riperkussjonijiet ta' din il-kondizzjoni, u dan l-impediment kien ċertament kontra l-volonta' tal-konvenut. Il-fatt li huwa kien għalliem u li għalhekk jaf jaqra sew kif argumentat l-attriċi m'għandu l-ebda relevanza f'dan il-kuntest peress illi x-xhieda tal-Psikjatra kuranti tal-konvenut turi illi l-problema*

> *m'hijiex fis-sens illi l-konvenut ma jifhimx dak li jkun qed jaqra iżda li, b'konsegwenza tal-kondizzjoni tiegħu, ma jkollux il-motivazzjoni sabiex jieħu ħsieb l-affarijiet tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-kontumaċja tal-konvenut hija ġustifikata, u minn dan isegwi li l-konvenut għandu jingħata terminu entro liema jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu."*

Illi, kif ingħad aktar il-fuq, il-fatti rigwardanti l-kontumaċja fis-sentenza appena kwotata mhumiex l-istess għal dawk tal-kawża odjerna. *Di fatti*, il-Qorti tinnota li fil-kawża odjerna jirriżulta li, minkejja dak li qalet il-konvenuta Gatt fir-rigward ta' saħħitha, hija ppreżentat <u>biss</u> dokument maħruġ mill-Psikologa Antonella Mizzi, liema dokument <u>ma jippruvax</u> li l-konvenuta Gatt kienet fil-fatt tbati mill-problemi li hija tgħid kienet għaddejja minnhom. Fid-dokument jingħad **<u>BISS</u>** mill-Psikolga Mizzi dak li kienet qaltilha l-konvenuta Gatt u ċioé li kienet sofriet mill-problemi msemmija minnha <u>għal xi perjodu</u>. Dan jirriżulta mis-segwenti frażijiet: *"she disclosed that she has been through a particularly turbulent time.... "* u *"In her own words, it affected her abiility to keep up with the daily functioning."*

Illi dan juri li l-Psikologa Mizzi kitbet dwar dak li qaltilha l-konvenuta Gatt u li l-Psikologa nnifissha ma ċċertifikax l-istat mediku tal-konvenuta tant li l-ewwel kuntatt li sar mal-Psikologa Mizzi mill-konvenuta kien biss fit-8 ta' Ottubru 2021 u ċioé wara li l-Qorti ddikjarat li kienet tinsab fi stat ta' kontumaċja u qabel ma' ġie ppreżentat ir-Rikors odjern!

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuta Gatt ma rnexxilhiex tipprova li kienet jew qiegħda tbati minn problemi ta' saħħa tali li ma ħallewiex tieħu ħsieb l-affarijiet tagħha.

**<u>Kontumaċja Formali u Sostanzjali</u>:**
Illi l-Qorti sejra issa tistħarreġ l-argument l-ieħor imressaq mill-konselunt legali tal-konvenuta dwar id-distinzjoni magħmula mill-Qrati tagħna bejn il-kontumaċja formali u sostanzjali. Għandu

jingħad li jkun hemm kontumaċja formali meta din tirriżulta mill-atti u ssir sostanzjali meta tkun ikkonfermata fl-udjenza. Din id-distinzjoni kienet issir fil-passat iżda l-ġurisprudenza l-aktar riċenti ħadet pożizzjoni aktar riġida fuq dan il-punt. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Marzu 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Zammit noe et vs. Agostino Zammit** (Ċitazzjoni Numru 1314/2000/2) fejn ingħad hekk:

> "Pero' l-presenza tal-konvenut fil-proċeduri waħedha, bla raġuni valida ta' ġustifikazzjoni ta' kontumaċja ma jfissirx li hija biżżejjed sabiex jingħata l-opportunita' jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, għaliex allura *"l-istitut tal-kontumaċja jiġi dilwit sal-punt li jiġi rez kompletament bla effikaċja u inopperattiv kull fejn il-konvenut jagħżel li jidher fl-ewwel seduta........Din l-interpretazzjoni hi waħda li tmur kontra mhux biss kontra l-ittra u l-ispirtu tal-liġi, imma ukoll kontra kull sens ta' ġustizzja proċedurali kif espressa fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili….."* (**"Joseph Aquilina et vs. Lino Debono"** - A.C. 7 ta' Ottubru 1997)". [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti terġa tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Noel Calleja et vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** li diġa saret riferenza għaliha aktar il-fuq, fejn il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

> "Dan magħdud, peró, xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex

> bizzejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita' ġudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija inveċe meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."

Illi l-Qorti taqbel ma' dawn l-insenjamenti t'hawn fuq u tagħmilhom tagħha u b'hekk sa fejn il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja hija marbuta mal-preżenza tal-konvenuta Gatt waqt l-ewwel seduta ffissata mill-Qorti, u ċioé dik tat-23 ta' Settembru 2021, din mhux ser titqies bħala suffiċjenti.

**Ikkunsidrat**

Illi stabbiliti l-punti t'hawn fuq jibqa' il-fatt li l-konvenuta Gatt ma ressqet l-ebda raġuni valida sabiex tkun tista' tiġġustifika l-kontumaċja tagħha.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-konvenuta Gatt hekk kif kontenuta fir-Rikors tagħha ppreżentat fil-21 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 24 *et seq.*).

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuta Jacqui Gatt.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |